# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 7 ta' Frar, 2000.**

**Numru:**

**Citazzjoni Numru: 1738/93 JF**

**Joseph Borg fil-kwalita' tieghu ta direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Youth Hostels Limited Limited ta' J.B. 's Bureau, Triq is-sirk, Swieqi.**

**vs**

**Victor Gauci w Charles Gauci f'isimhom proprio w ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Balloons Limited ta' 5, Marlborough House, Redoubt Street, Xemxija, St. Paul's Bay. U b'digriet tad-19 ta' Mejju 1995 gie kjamat in kawza Alfred Bugeja.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju 1993 fl-ismijiet 'Joseph Borg vs Victor Gauci et' (Citaz. Nru. 712/87 JF) gie dikjarat li l-konvenuti kienu qed jokkupaw il- fond Maltese Cross Hostel li jinsab f'70 St. Anthony Street, Bugibba minghajr titolu w gie ordnat l-izgumbrament taghhom mill-istess.

U premess li xi zmien wara li nghatat is-sentenza fuq imsemmija, l-konvenuti abbuzivament u llegalment approprjaw ruhhom mill-ghamara w accessorji kollha li kienu jinsabu fil-parti tal-istess Hostel maghrufa bhala 'Tramps Bar' liema affarijiet jappartjenu lill-attur.

U premess din l-ghamara w dawn l-accessorji jikkonsistu f'bank tal-friza, sitt imwejjed tal-ikel, siggiejiet, refrigerator, 'stools', air-conditioning unit oltre affarijiet ohra.

U premess li l-esponent qed isofri danni stante li l-fond imsemmi ma jistax jintuza ghan-negozju stante li gie zarmat mill-ghamara w l-accessorji kollha li kellu mill-konvenuti.

Talab li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti:

1. tikkundannahom sabiex jirritornaw fil-pussess tal-attur l-imsemmija ghamara w l-accessorji kollha li gew illegalment u abbusivament mehuda minnhom mit-'Tramps Bar' fuq imsemmi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss u in difett ta' dan,

2. tikkundannahom ihallsu lill-attur il-valur tal-imsemmija ghamara w accessorji

3. tillikwida d-danni sofferti mill-attur kagun tal-operat illegali taghhom jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominandi

4. tikkundannahom ihallsu lill-attur dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru 1993.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Victor Gauci u Charles Gauci f'isimhom proprio u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Balloons Limited.

Fejn eccepixxew bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti ma approprijaw ruhhom minn ebda ghamara u accessorji ohra proprjeta' tal-attur nomine, u dana kif jigi pprivat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-domandi kollha tal-istess attur nomine kif kontenuti fic-Citazzjoni minnu intavolata huma nfondati sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu kollha respinti minn dina l-Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur nomine.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti; rat li l-kjamat in kawza Alfred Bugeja baqa' kontumaci;
semghet lix-xhieda li giet prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjoni. Ikkunsidrat li din hija azzjoni ghal rizarciment ta' danni allegatament sofferti mill-attur nomine in konnessjoni mal-kiri tal-gestjoni tal-bottegin f'Bugibba maghruf bl-isemm ta' Tramps Bar, formanti parti minn kumpless akbar turistiku adibit ghall-fini ta' akkomodazzjoni u allogg, liema kumpless huwa maghruf bl-isem ta' Maltese Cross Hostel, fi Triq Sant'Antnin , Bugibba.

Illi mill-provi jirrizulta li proprjament il-ftehim - li kien ikopri l-blokk kollu surreferit kompriz il-bottegin - kien sar bejn l-attur nomine u l-kjamat fil-kawza Alfred Bugeja. Jirrizulta wkoll li in segwitu dan Alfred Bugeja ghadda il-kirja tal-bottegin lill-konvenuti. Irrizulta wkoll li fil-kors tat-tieni ftehim bejn Bugeja u l-ahwa Gauci, konvenuti f'din il-kawza, l-attur nomine harrek lill-konvenuti proprio et nomine - u dan ukoll billi l-ahwa Gauci ffurmaw socjeta' anonima bl-isem ta' Balloons Ltd u ghaddew il-lokazzjoni lilha - u ottjena, b'sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis 6 ta' Lulju 1993, l-izgumbrament taghhom mill-fond - ara s-sentenza esebita a fol 38 - 44 tal-process. Illi ghandu jinghad ukoll li f'dik il-procedura wkoll l-imsemmi Alfred Bugeja kien gie mharrek fil-kawza bhala ko-konvenut li gie kkundannat li jhallas danni lill-attur nomine is-somma ta' Lm2478.63c. Il-konvenuti odjerni Gauci, dakinhar ikkjamati fil-kawza, gew ritenuti responsabbli ghad-danni kagjonati b'mod limitat, igifieri fis-sens li ghall-fini ta' dik il-kawza huma ma kienux ritenuti mill-Qorti li kellhom.

"Jippartecipaw fid-danni likwidati sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni - imma se mai jibqghu tenuti hekk responsabbli ghall-perjodu sussegwenti da likwidarsi jekk hemm bzonn, f'gudizzju separat. Issa l-kawza l-ohra kienet gietipprezentata fis-sena 1987 u di piu' ghamlet referenza ghal sentenza antecedenti kontra l-imsemmi Alfred Bugeja deciza fit- 8 ta' Gunju 1987 istitwita mill-attur kontrih dwar il-ftehim milhuq minnu u li kien gie ddikjarat

null. Dana qed jinghad mhux biss biex iservi bhala sfond ta' dak li gara qabel bhala antecedenti imma ghaliex minnu jsegwi li l-parti tad-danni li kellhom jithallsu mill-kjamat in kawza Bugeja kienu gew gja likwidati u kkanonizzati bis-sentenza surreferita moghtija fis-6 ta' Lulju 1993 u li ghalhekk, jekk kien hemm xi danni ulterjuri, kif allegat mill-attur nomine, dawn kienu attribwibbli biss lill-konvenuti proprii et nomine u mhux ukoll minn Alfred Bugeja. Fil-fatt f'din l-ahhar procedura l-attur nomine harrek biss lill-ahwa Gauci proprio et nomine u kien biss fuq talba taghhom li ssejjah fil-kawza Alfred Bugeja - li baqa' kontumaci. Fil-fehma tal-Qorti pero' Alfred Bugeja ma kien ghad fadallu xejn x'jirrispondi versu l-attur nomine. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-konvenuti proprio er nomine li baqghu izommu l-bottegin sakemm gew zgumbrati b'mandat. Il-fatt li ghaddew lura c-cwievet xi zmien qabel ma rcevew komunika mill-Qorti ma kienx jezonerahom mir-responsabbilita'. Kien jinkombi fuqhom li kemm fil-mument li assumew il-kirja jew il-gestjoni tal-bottegin u meta gew biex telquh, wara l-izgumbrament gudizzjarju li ma ssirx hsara lill-fond. Mir-ritratti esebiti mill-attur nomine jidher li l-fond wsal lura fil-pussess tieghu fi stat ta' zdingar u vvandalizzat. Oltre dan minn dak li xehed l-attur nomine u minn dak li jirrizulta li sab il-marixxal tal-Qorti jidher li l-fond spicca minghajr ebda ghamara ta' xejn. Illi ghalhekk ifisser li filwaqt li d-danni dovuti mill-kjamat fil-kawza gew likwidati f'gudizzju iehor, id-danni kkagonati, ossija mputabbli lill-konvenuti Gauci proprio et nomine ghadhom pendenti u jridu jwiegbu huma ghalihom, u mhux aktar il-kjamat fil-kawza.

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni l-attur nomine esebixxa stima - ara fol. 94 - 96 tal-process - Dok. MM2 - mahruga minn certu Martin Camilleri - li ma jidhirx li xehed u ndirizzata lil 'Mr & Mrs Mark Schembri' li m'humiex parti f' din il-procedura. L-istima tax-xoghlijiet hija astronomika u tammonta ghal Lm16,700 (sittax-il elf u seba' mitt lira). din hija segwita minn prospett iehor dettaljat f'ammont xi ftit inferjuri, igifieri ta' Lm13,269.69c ghalkemm l-attur

nomine xehed li htieglu jaghmel u jhallas ghal l-affarijiet, il-Qorti tosserva li l-ebda wahda mill-fatturi jew ircevuti li gew esebiti (a fol. 97 - 128 tal-process) ma giet ikkonfermata bil-gurament minn min ghamilha; li xi whud mahrugin fuq isem Mark Schembri fuq indirizz li m'huwiex il-fond de quo. Minghajr ebda tlaqliq il-Qorti hija tal-fehma li kwantu ghall-provi dwar il-quantum tad-danni, il-provi prodotti, minkejja l-hafna dokumenti esebiti, m'humiex daqstant attendibbli. Minbarra dan, jekk wiehed iqabbel max-xoghlijiet li saru u l-ghamara li giet ordnata, isib li dawn oltrepassaw bil-bosta dak li jemergi mill-inventarju originali esebit bhala Dok. B, a fol. 55 tal-process, mill-attur nomine, in kwantu jirreferi ghal dawk l-'items' li jidhru taht l-intestatura ta' 'BAR' - li jiddimostraw invece kontenut baziku u rendimentali ghall-ahhar u certament ma jiggustifikawx l-ispejjez u nfieq ingenti reklamati mill-attur nomine li inter alia, jinkludu hwejjeg bhal 'Angelo Solarino - soffit works' ghas-somma ta' LM2,600 - u mpjanti ta' arja kondizzjonata ghall-ammont ta' Lm1,836 u madum tac-ceramika ghas-somma ta' Lm700. Anke l-ghamara mixtrija biex tirrimpjazza l-ftit ghamara qadima li kien hemm originarjament tieni nfieq sproporzjonat ghal dak li kien hemm qabel. Fic-cirkostanzi u tenut kont tal-fatt li l-attur nomine ipprova li ma sab xejn mill-ftit ghamara li kellu qabel fil-post, li sab il-post fi stat zdingat u kellu jistenna xi zmien sakemm rega' rreparah, u tenut kont ukoll tal-fatt l-iehor li l-kjamat in kawza diga' kien gie kkundannat li jhallas somma in linea ta' danni lill-istess attur nomine, u tenut ukoll kont tal-fatti li d-danni relativi ghal din il-procedura odjerna, sa certu punt konsegwenzjali ta' dik precedenti surreferita, tirrigwarda unikament lill-bottegin 'Tramps Bar' u mhux anke lill-kumpless kollu, il-Qorti arbitrio boni viri qieghda tillikwida bhala danni li ghandhom jithallsu mill-konvenuti Gauci proprio et nomine s-somma ta' elfejn lira maltija (Lm2,000) per saldu, liema danni gew ikkalkolati fuq percentwal ta' hmistax fil-mija (15%) tal-ammont kollu elenkat u pretiz mill-attur nomine fil-prospett esebit a fol. 96 tal-process

(ara Dok. MM2), li proprjament jammonta ghal cirka Lm1,990 - pero' arrotondat mill-Qorti ghall-ammont indikat supra.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi l-kawza billi t-talbiet attrici b'dan li ghall-fini tat-tieni u tielet talbiet qieghda tillikwida, kif fuq intqal, is-somma komplessiva ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000); tiddikjara lill-kjamat in kawza Alfred Bugeja bhala mhux responsabbli ghall-hlas ta' danni ulterjuri lill-attur nomine; u tikkundanna ghalhekk fl-ahharnett liz-zewg konvenuti Victor Gauci u Charles Gauci proprio et nomine li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) per saldu, kif ukoll li jhallsu l-kap ta' l-ispejjez interament huma.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md